MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 1357/2001/1

**Lawrence Bugeja u martu Josephine Bugeja**

**v.**

**Anthony u Ruth konjuġi Coreschi bħala leġittimi rappreżentanti ta' binhom minuri Petrovich Coreschi, li fl-20 ta' Novembru 2003 assuma l-atti f'ismu wara li sar maġġorenni; Marlon Galea; Larry Laganà; Christian Laganan; Matthew Laganan; Saviour u Anna konjuġi Spiteri bħala leġittimi rappreżentanti ta' binhom minuri Johann Spiteri, li fl-20 ta' Novembru 2003 assuma l-atti f'ismu wara li sar maġġorenni**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi li tghid hekk:
“1. Illi nhar it-18 ta’ Marzu, 2000 ghal habta ta’ xi 3.00pm., jew xi hin iehor, kienet qeghdha tinzamm loghba football bejn il-Fgura United u l-Vittoriosa Stars gewwa l-ground tal-football fis-Siggiewi;

“2. Illi l-esponenti kien il-ground fil-kapacita` tieghu bhala Vici President tal-Fgura United Football Club;

“3. Illi waqt il-loghba hawn fuq indikata inqala’ argument bejn il-players tat-team tal-Victoriosa Stars tal-Birgu u tat-team tal-Fgura United u li minhabba f’hekk tkecca player minn tal-Birgu Christian Lagana liema player hareg barra mill-ground;

“4. Illi l-esponenti f’dan il-waqt kien jinsab barra l-ground.

“5. Illi barra l-ground kien hemm ukoll Larry u Matthew ahwa Lagana. Huma bdew jghidu fost hafna kliem hazin u b’lehen gholi illi wara l-loghba huma kienu ser isibu lill-player tal-Fgura United Renzo Kerr Cumbo u jaghtuh xebgha.

“6. Illi hekk kif spiccat il-loghba l-ahwa Lagana nizzlu fejn l-entratura tal-ground u kif kien hiereg Renzo Kerr Cumbo, mar fuqu Christian Lagana u hekk kif kien ser jaghtih daqqa ta’ ponn, l-esponenti hataflu jdejh u staqsieh il-ghala kien ser jiggieled ma’ dan Renso Kerr Cumbo.

“7. Illi hekk kif appena l-esponenti kien qed jghid dan il-kliem lil Christian Lagana gie il-goal keeper Petrovich Coreschi. Dan tal-ahhar imbutta lill-esponenti u bhala konsegwenza waqa’ ma’ l-art. Kien hemm diversi nies jaghtuni bis-sieq u bil-ponn fosthom il-konvenuti di fatti meta daru ghal esponenti kienu sitta min-nies.

“8. Illi l-esponenti ipprova jilqa’ dawn id-daqqiet b’idejh u li bhala konsegwenza kiser idu x-xellugija.

"9. Illi b'hekk l-esponenti gie li sofra dizabbilita` permanenti u dan skond ma ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"10. Illi l-esponenti kien jahdem, bhala mastrudaxxa. Illi minhabba dan l-incident, l-esponenti ghamel diversi xhur b'idejh fil-gibs u minhabba dan l-esponenti sofra danni ingenti, konsistenti f'telf t' xoghol u profitti.

"11. Illi l-konvenuti kollha gew interpellati sabiex jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti, izda minkejja dan, huma baqghu inadempjenti.

"12. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha barra Marlon Galea li in forza taghha eccepew illi:
"1. Illi fl-ewwel lok irid jigi stabbilit minn min mill-konvenuti verament kien prezenti u rejalment partecipi fl-incidenti allegati mill-atturi;

"2. Illi minghajr pregudizzju ghal dak li qieghed jinghad hawn fuq mhuwiex minnu dak li qieghed jinghad mill-atturi li l-esponenti kienu b'xi mod responsabbli jew instigaw l-incidenti li allegatament sehhew fil-gurnata indikata fl-att tac-citazzjoni pprezentata mill-atturi;

"3. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost lanqas ma huwa minnu dak li qieghed jigi allegat mill-atturi li kienu l-esponenti li kkagunaw dizabbilita` permanenti fuq l-attur fl-allegat incident;

"4. Illi inoltre u dejjem minghajr pregudizzju lanqas ma huwa minnu li l-attur sofra xi danni ingenti kif qeghdin jallegaw l-atturi fil-premessi tal-kawza odjerna;

"5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Marlon Galea li in forza taghha eccepixxa illi:

"1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-eccipjent ma kellu ebda htija ghall-incident li sehh fit-18 ta' Marzu 2000 fis-Siggiewi.

"2. Illi b'hekk huwa ma kkawza ebda danni lill-atturi.

"3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Ottubru, 2006, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:
"… … … wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u tgħid illi l-konvenuti kollha jaħtu għall-inċident li fih korra l-attur, tillikwida d-danni li għalihom għandhom jagħmlu tajjeb il-konvenuti fis-somma ta' tlittax-il elf, ħames mija u tnejn u disgħin lira (Lm13,592), li minnħom tħallsu elfejn u ħames mitt lira (Lm2,500) akkont, u tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum* iħallsu lill-attur il-bilanċ ta' ħdax-il elf u tnejn u disgħin lira (Lm11,092). flimkien ma' l-ispejjeż kollha tal-kawża u l-imgħaxijiet b'seħħ millum."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Il-fatti li wasslu għal din il-kawża seħħew hekk.

"Waqt partita fil-*ground* tas-Siġġiewi bejn *Fgura United* u *Vittoriosa Stars*, il-konvenut Matthew (mhux Christian, kif jingħad fiċ-ċitazzjoni) Laganan, *player* ta' Vittoriosa, għamel *foul* fuq Renzo Kerr Cumbo, *player* tal-Fgura, u għal dan il-*foul* tkeċċa. Wara li tkeċċa Matthew Laganan ħareġ mill-*ground* u mar fl-i*stands* ħdejn ħutu Christian Laganan u Larry Laganà (li hu ħuhom ukoll għalkemm b'kunjom differenti). Qrib tagħhom inzerta kien hemm l-attur, li hu viċi-president tal-*Fgura United Football Club*, u semagħhom igħidu illi wara l-logħba kienu sejrin ifittxu lil Renzo Kerr Cumbo biex jagħtuh xebgħa.

"Dak il-ħin l-attur ma qal xejn iżda hekk kif spiċċat il-logħba, u ra lill-aħwa Laganan jew Laganà jiġru lejn il-*gate* mnejn joħorġu l-*players*, niżel warajhom. Hekk kif l-aħwa waslu ħdejn Renzo Kerr Cumbo, Matthew Laganan refa'

idu biex jagħtih daqqa ta’ ponn, iżda l-attur ħataflu idu u żammu.

“Dak il-ħin stess minn wara l-attur ġie l-konvenut Petrovich Coreschi, imbuttah u waqqgħu għal fuq karrozza li kienet parkeġġjata eżatt wara l-*gate*. L-attur spiċċa ma’ l-art barra l-*gate* u daru miegħu l-konvenuti jagħtuh bil-ponn u bis-sieq. Meta l-attur kien ma’ l-art il-konvenut Larry Laganà għamel biex ixejjer daqqa ta’ sieq f’wiċċu; l-attur laqa’ b’idu, u d-daqqa ħadha fuq id-driegħ tax-xellug u kisritlu għadma.

“Meta ra l-ġlied, ix-xhud Carmelo Borg, li kien *caretaker* tal-*ground* tas-Siġġiewi, għalaq il-*gate*, iżda x’ħin ra lill-attur ma’ l-art aggredit mill-konvenuti, ħareġ flimkien ma’ Donald Buhagiar, neħħew lill-konvenuti minn fuq l-attur u daħħluh fid-*dressing room* biex idewwuh. L-attur imbagħad mar l-Għassa tal-Pulizija biex jagħmel rapport u, wara, mar l-isptar fejn kellu jsirlu aktar minn intervent wieħed fuq l-għadma miksura.

“Għalkemm il-konvenuti xehdu illi kien l-attur illi ipprovoka l-inċident, billi qabad lil Matthew Laganan minn għonqu, u illi xi wħud mill-konvenuti nħadlu biss biex iferrquhom waqt illi oħrajn mill-konvenuti ma kellhom ebda sehem fl-inċident, il-qorti hija sodisfatta illi tista’ toqgħod fuq dak li xehed l-attur u x-xhieda indipendenti mresqa minnu aktar milli tista’ toqgħod fuq ix-xhieda orkestrata tal-konvenuti. Il-fatt illi kien hemm xi xhieda, mressqa mill-attur stess, illi lil wieħed mill-konvenuti — lil Marlon Galea — ma rawx isawwat lill-attur ma huwiex biżżejjed biex jeħles lil dan il-konvenut mill-ħtija meta kien hemm xhieda oħra li identifikawh pożitivament u rawh, mal-konvenuti l-oħra, isawwat lill-attur.

“Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi l-konvenuti kollha jaħtu u għandhom iwieġbu għad-danni li ġarrab l-attur u, billi l-ħsara saret doložament, l-obbligazzjoni tagħhom kollha li jagħmlu tajjeb għall-ħsara hija *in solidum*, kif irid l-art. 1049(1) tal-Kodiċi Ċivili.

“Ngħaddu issa għal-likwidazzjoni tad-danni.

"L-attur kellu tlieta u erbgħin (43) sena meta korra fis-sena 2000, u kien jaħdem għal rasu bħala mastrudaxxa. Kemm beda għal rasu f'din is-sengħa minn xi sentejn qabel. Id-dħul tiegħu fl-1998 kien ta' erbat elef, tmien mija u ħamsa u sebgħin lira (Lm4,875), fl-1999 kien ta' ħamest elef, mitejn u ħdax-il lira (Lm5,211), u fl-2000, is-sena li fiha seħħ l-inċident, niżel għal tlitt elef, disa' mija u ħamsa u għoxrin lira (Lm3,925) billi l-attur għamel ħames xhur ma setax jaħdem minħabba l-ġrieħi li ġarrab. Billi l-ksur ma għaqadx sew, l-espert mediku maħtur minn din il-qorti sab illi l-attur għandu debilità ta' għaxra fil-mija (10%) li ma jfieqx minnha.

"Wara li qieset dan kollu, il-qorti hija tal-fehma illi *multiplier* ta' tmintax-il (18) sena u dħul medju ta' sebat elef lira (Lm7,000) fis-sena jkunu fatturi xierqa biex tasal għal-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans*, li għalhekk jiġi tnax-il elf u sitt mitt lira (Lm12,600)[1]. Billi l-attur sejjer jieħu l-benefiċċju li jdaħħal issa d-dħul tal-ġejjieni, għalkemm parti minnu sejjer jieħdu b'lura għax ġà għaddew seba' snin mill-inċident, huwa xieraq illi biex ipatti għal dan il-benefiċċju jsir tnaqqis ta' tmienja fil-mija (8%), u għalhekk il-*lucrum cessans* jiġi ħdax-il elf, ħames mija u tnejn u disgħin lira (Lm11,592), b'dan illi l-imgħaxijiet għanhom jibdew igħaddu millum.

"Billi ukoll l-attur dam ħames xhur li matulhom ma setax jaħdem, u għalhekk l-inkapaċità tiegħu dak iż-żmien kienet effettivament mija fil-mija (100%) għandhom jiżdiedu elfejn lira (Lm2,000) oħra biex jagħmlu tajjeb għat-telf matul dawk il-ħames xhur.

"*Lucrum cessans* b'kollox għalhekk jiġi tlittax-il elf, ħames mija u tnejn u disgħin lira (Lm13,592). Billi, kif jidher minn kitba privata ta' l-24 ta' Ġunju 2002, uħud mill-konvenuti ġà ħallsu lill-attur is-somma ta' elfejn u ħames mitt lira (Lm2,500) akkont għad-danni li ġarrab, jifdal bilanċ ta' ħdax-il elf u tnejn u disgħin lira (Lm11,092)."

---

[1] Lm7,000 × 18 × 10% = Lm12,600.

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Marlon Galea li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab lil din il-Qorti:
“… … … joghgobha tirriforma u tvarja s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili billi:

“(i) Tirriforma s-sentenza appellata billi tezonera lill-esponenti, Marlon Galea, minn kwalsiasi responsabbilita` ghall-incident li sehh fit-18 ta’ Marzu, 2000, ghal xi t-3.00pm, fil-*ground* tal-*football* fis-Siggiewi; u b’hekk tichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut appellanti u dana bl-ispejjez kontrihom;

“(ii) Subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost f’kas li din il-Qorti tal-Appell issib responsabbilita` fil-konfront tal-esponent tirriforma s-sentenza billi tvarja l-ammont ta’ danni dovuti lill-atturi u dana billi tistabbilixxi quantum tkun aktar verosimili mar-rejalta` u mal-pronunzjamenti diversi li nghataw mill-Qrati nostrani liema riduzzjoni tkun riflessa fl-ispejjez gudizzjarji.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti l-ohra li in forza tieghu ghar-ragunijiet hemm premessi, talbu li din il-Qorti:
“… … … joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta’ Ottubru 2006 fl-ismijiet premessi billi tilqa’ l-eccezzjonijiet imressqa mill-konvenuti u tichad it-talbiet tal-atturi maghmula fil-konfront tal-istess appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati in solidum bejniethom.”

Rat li il-appell ta’ Marlon Galea gie dikjarat dezert b’digriet moghti minn din il-Qorti fis-17 ta’ Frar, 2009;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza jinsabu ben esposti fl-ewwel parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti li tinsab riprodotta fil-parti preliminari ta’ din is-sentenza. L-ewwel Qorti, wara li semghet hafna mill-provi hija stess viva

voce, ghaddiet biex sabet lill-konvenuti kollha responsabbli ghall-griehi li garrab l-attur meta aggredewh u sawtuh wara loghba football li kienet saret fil-ground tas-Siggiewi. Wara li akkoljiet lill-konvenuti bir-responsabbilita` ghad-danni, ikkundannathom ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm11,092 bhala kumpens.

Il-konvenuti appellaw u resqu aggravji kontra is-sejbien ta' responsabbilita` u kontra l-mod ta' kif l-ewwel Qorti llikwidat id-danni. Rigward Marlon Galea, l-appell separat tieghu, kif diga` intqal, gie dikjarat dezert u kwindi din il-Qorti mhux se tiehu aktar konjizzjoni tieghu.

Trattat issa l-appell tal-konvenuti l-ohra (eskluz Marlon Galea), din il-Qorti tibda biex tqis li l-ewwel aggravju taghhom, fis-sens li l-ewwel Qorti ma kellhiex tiehu in konsiderazzjoni l-proceduri kriminali li ttiehdu u li gew decizi kontra taghhom, bhala mhux misthoqq. Din il-kwistjoni gia giet trattata minn din il-Qorti fil-kawza **Pace v. Camilleri**, deciza fis-27 ta' Lulju, 2007, fejn jinghad hekk:
"Fir-rigward tas-sottomissjonijiet tal-appellant illi l-proceduri ghandhom jinzammu separati mill-proceduri civili, ghalkemm l-Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali jghid proprju dan ossia – "*L-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement wahda mill-ohra*" – fic-cirkostanzi ta' din il-kawza ghandu jittiehed in konsiderazzjoni anke l-Artikolu 632(1) tal-Kapitlu 12 li jipprovdi illi "*Kull dikjarazzjoni maghmula mill-parti kontra taghha nfisha, u kull kitba ohra li jkun fiha konfessjonijiet, konvenzjonijiet jew obbligi, jistghu jingiebu bi prova.*" Sakemm ma jigix pruvat, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dik id-dikjarazzjoni – f'dan il-kaz il-verbal – kienet menzonjera jew ghall-anqas ma kinitx tirrispekkja dak li verament ried jinghad, dik id-dikjarazzjoni tista' tittiehed bhala prova. Ghalhekk, ghalkemm iz-zewg proceduri jinzammu separati, dak li jsehh f'wahda mill-proceduri jista' jingieb bhala prova fil-procedura l-ohra. Dan il-principju gie sancit diversi drabi mill-Qrati taghna. Fil-kawza **Vincent Briffa pro et noe v. Vincent Oliver Abela pro et noe**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Marzu 2003, intqal:

"Jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet **Paolo Abela –vs– Antonio Bonnici et noe**, Prim Awla, 23 ta' Jannar 1958 illi "ma jidhirx fil-ligi li hemm xejn kuntrarju ghall-esebizzjoni f'kawza civili ta' kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti."

"Dan l-insenjament jaghmel rikjam ghal dak traccjat fid-decizjoni ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Carmelo Camilleri –vs– Gejtu Cassar**, 1 ta' Dicembru 1955 fejn jinghad a propozitu dan:-

"Mill-principju sancit fl-Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali, jigifieri tal-ezercizzju taz-zewg azzjonijiet, tidderiva biss il-konsegwenza illi l-provi tal-azzjoni simili ghandhom isiru ex integro quddiem il-Qorti Civili kompetenti, u dawk tal-azzjoni kriminali, anke ex integro quddiem il-Qorti Kriminali; pero` xejn ma josta illi jsir il-konfront bejn dawk il-provi, ghall-fini ta' attendibbilita` taghhom u tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja.  Minn hawn jidher ukoll illi konformament ghar-regola relattiva ghall-provi, tista' tigi prodotta f'kawza civili, li tkun ghadha pendenti, kopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq dawk l-istess fatti; u dan in forza tal-Artikolu 627(e) tal-Kap. 12."  F'dan is-sens hi l-gurisprudenza taghna (Vol. VI PI p 143 u Vol. XXVII P I p 617)."

"Naturalment il-gudizzju iin sede penale jikkostitwixxi biss wahda mill-provi pero` hi prova importanti anke ghaliex ukoll kull prova hi ammissibbli jekk hi logikament rilevanti ghall-kwistjoni fil-kawza bejn il-partijiet (Artikolu 558 tal-Kapitolu 12);"
"

"Dan kollu japplika wkoll ghall-verbali.  Ghalhekk dan it-tielet aggravju tal-appellant ma jistax jigi akkolt u ghalhekk qieghed jigi michud."

Kwindi, kull referenza li saret jew tista' ssir ghall-proceduri kriminali li ttiehdu kontra l-appellanti kienet wahda valida.

Dwar ir-responsabbilita` ghall-griehi li sofra l-attur, din il-Qorti, bhal-ewwel Qorti qabilha, wara li qrat id-

deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti, taqbel li kienu l-konvenuti l-unici responsabbli ghal dak li gara. Din il-Qorti ma tarax ghaliex m'ghandhiex temmen lill-attur dwar l-iter tal-attakk, u tara li, fil-maggor parti taghha, id-deposizzjoni tieghu tinsab korroborata. Hekk per ezempju, Carmelo Borg, li kien caretaker tal-ground fejn intlaghbet il-loghoba, qal li wara l-loghoba inqghalet glieda bejn players tat-timijiet avversarji (meta Matthew Lagana` attakka lil Renzo Kerr Cumbo talli tal-ewwel tkecca mill-ground wara foul li ghamel fuq l-iehor). L-attur mar biex iferraqhom u qabad lil Matthew Lagana` biex iwaqqfu mill-aggressjoni tieghu. Wara dan, indahlu hut u shab Matthew Lagana` u bdew jaghtu bl-addocc lill-attur; skond dan Carmelo Borg wiehed mill-ahwa beda jsawwat lir-ragel u jghajjat kemm jiflah: "Jiena ta' Lagana`; ma nibzghu minn hadd". Dan kien Larry Lagana`, li skond l-attur beda jaghtih waqt li huwa kien fl-art u kien hu li xejjer daqqa ta' sieq li kienet sejra tolqot lill-attur f'wiccu, li dan ma marx biex jilqa' d-daqqa b'idejh. Id-daqqa ta' sieq kienet b'sahhitha u qawwija tant li dan Larry Lagana` kisirlu idu x-xellugija, li biha l-attur ipprova jilqa' ghad-daqqa. Ghalkemm jidher li kien dan Larry Lagana` l-persuna li waslet ghal griehi li l-attur sofra f'idu, il-konvenuti l-ohra kollha ppartecipaw fl-aggressjoni, tant li, per ezempju, Renzo Kerr Cumbo jsemmi b'mod car lil Matthew Lagana`, lil Marlon Galea u lil Johan Spiteri bhala dawk li taw lill-attur. Certu Paul Muscat, fid-deposizzjoni tieghu fil-proceduri kriminali, ddeskriva kif il-konvenuti kollha marru ghall-player Renzo Kerr Cumbo, li mbaghad irnexxielu jisgicca wara l-intervent tal-attur, bir-rizultat li l-konvenuti "qabdu jaghtu lil Laurence" (l-attur. Hu qal li lill-attur qabdu jaghtuh "bis-sieq, b'kollox, tefghuh ma' l-art sahansitra".

Din il-Qorti m'ghandhiex ezistazzjoni tikkonkludi li l-konvenuti ghandhom jinstabu responsabbli in solidum ghal dak li sehh fuq l-attur. Taqbel li r-responsabbilita` ghandha tkun in solidum peress li ma tistax tistabilixxi bi preciz min ikkontribwixxa ghal l-entita` tal-griehi li sofra l-attur, pero`, ghall-fini tal-Artikolu 1050(2) tal-Kodici Civili, u fil-kuntest biss tar-relazzjoni interna bejn il-konvenuti, tara li Larry Lagana` ghandu jerfa' aktar piz, u hu ghandu

jaghmel tajjeb ghan-nofs id-danni, waqt li l-konvenuti l-ohra jaqsmu b'mod ugwali bejniethom in-nofs l-iehor – salv u impregudikat id-dritt tal-attur li jitlob il-hlas tas-somma kollha minghand kull min irid mill-konvenuti, li lejh qed jigu kkundannati in solidum.

Da parti tal-attur, ma tarax li ghandu jerfa' xi parti mir-responsabbilita`. Hu mar jifred glieda u mar jipprotegi player tal-club li tieghu membru. Hataf lil Matthew Lagana` peress li dan kien l-aggressur originali, u ghal din il-mossa ma kellux jigi imsawwat u agredit bil-mod li gie mill-bqija tal-konvenuti l-ohra.

Il-konvenuti appellaw ukoll mill-*quantum* tad-danni kif likwidati mill-ewwel Qorti. Huma ilmentaw mill-multiplier ta' 18 uzata mill-ewwel Qorti ghall-persuna ta' 43 sena, mill-fatt li akkordatlu percentagg ta' dizabilita` ta' 10%, mill-fatt li ghamlet il-kalkolu taghha fuq dhul ta' Lm7000 fis-sena, meta l-attur stqarr li jaqla circa Lm5000 fis-sena, bit-tnaqqis ta' 8% biss bhala lump sum deduction, u mill-fatt li l-Qorti tat lill-attur Lm2000 extra bhala damnum emergens (telf effettiv ta' xoghol).

Din il-Qorti tara li ghandha taqbel ma' whud minn dawn l-ilmenti.

Meqjusa l-ewwel l-ilmenti li din il-Qorti sejra twarrab, tqis li, fic-cirkustanzi, ghamlet sew l-ewwel Qorti li mxiet fuq percentagg ta' dizabbilita` indikata lilha mill-espert mediku minnha mahtur. Hi kellha quddiemha zewg rapporti li ndikaw li l-attur kien isofri, skond il-Professur Carmel Sciberras, minn dizabbilita` ta' 2%, u skond il-Professur Anthony Bernard, minn dizabbilita` ta' 20%. Fid-dawl ta' din id-differenza ghamlet sew l-ewwel Qorti li hatret perit mediku li rrelata li l-attur ghadu jbati minn dizabbilita` ta' 10%. Meta tqis li ghalkemm wara li l-attur gie operat darbtejn f'idu x-xellugija, il-gog kien jidher normali, fil-fatt, hu baqa' bi problema f'idu, fis-sens, li meta jdawwar idu, ir-ras tal-ghadma (ulna) tohrog minn postha, u meta tqis ukoll li l-attur jikteb bix-xellug, ma thoss li tista' twarrab il-kalkolu ta' dizabbilita` li ghamel l-espert mediku.

Dwar il-lump sum deduction, din soltu tkun ta' 20%, pero`, skond il-gurisprudenza, aktar ma l-kawza ddum ma tinqata' u aktar ma l-kumpens idum ma jigi determinat, hu mehtieg li din il-figura tonqos biex taghmel tajjeb ghaz-zmien li l-vittma jkun gie mcahhad mill-kumpens. Meta tqis li l-incident gara f'Marzu tal-2000, u l-attur se jinghata l-kumpens 9 snin wara, tara li tnaqqis ta' 8% biss hu gustifikat.

L-ilmenti l-ohra tal-konvenut jimmeritaw li jkunu accettati, almenu in parte. Dwar il-multiplier l-ewwel Qorti donna ma qiesetx ic-"chances and changes of life", li jfisser li l-multiplier m'ghandux jigi kkalkulat sal-eta` ta' irtirar tal-vittma, izda sa eta` izghar, ghax, darba li qed issir projezzjoni ghall-futur, ma jistax jigi eskluz li, fi zmien futur qarib, jigri xi haga li, b'mod indipendenti minn dak li gara f'dan il-kaz, ittellef lill-attur mid-dhul tieghu jew parti minnu. Kwindi, din il-Qorti sejra tadotta multiplier ta' 14.

Dwar id-dhul tal-attur li fuqu jigi kkalkulat il-kumpens, din il-Qorti tara li s-somma ta' Lm7,000 fis-sena, hija esagerata, meta tqis li d-dhul prezenti tal-attur hu ta' Lm5,000 fis-sena. Anke jekk tqis iz-zidiet li soltu jinghataw minhabba l-gholi tal-hajja, tara li figura ta' Lm6,000, ossija €13,976.24, tkun aktar gusta.

Dwar il-Lm2000 damnum emergens li l-ewwel Qorti tat lill-attur, din ibbazatha fuq il-fatt li l-attur xehed li dam hames xhur li matulhom ma setax jahdem, f'liema perjodu huwa gie effettivament imcahhad minn kwalunkwe dhul. Din il-Qorti tara li dan il-principju hu validu, pero`, mill-atti tal-process kriminali, u li fihom l-attur xehed ftit wara l-incident, jirrizulta li hu dam biss xaharejn u nofs ma jistax imur ghax-xoghol. Kwindi tara li dan il-kumpens ghandu jonqos b'nofs u jkun biss ta' Lm1000, jew €2,329.37.

Kwindi l-kumpens dovut lill-attur huwa s-segwenti:
Lucrum cessans: €13,976.24x14x10%-8% = €18,001.40
Damnum emergens: = € 2,329.37

Tnaqqis imhallas akkont: =
€ 5,823.43
TOTAL: =
€14,507.34

(Lm6,228)

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenuti kollha (barra Marlon Galea) billi tilqa' l-istess in parte u tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermha fejn iddecidiet illi l-konvenuti kollha jahtu ghall-incident li fih korra l-attur, tirrevokaha fejn illikwidat kumpens fis-somma ta' Lm11,092 (illum €25,837.41), u tipprovdi minflok billi tillikwida d-danni li ghalihom ghandhom jaghmlu tajjeb il-konvenuti fis-somma ta' €20,330.77, li minnhom thallsu €5,823.43 akkont, u tikkundanna lill-konvenuti flimkien in solidum ihallsu lill-attur il-bilanc ta' €14,507.34 (erbatax-il elf, hames mija u seba' ewro u erbgha u tletin centezmu), bl-imghax legali b'sehh millum.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluz dawk in prim istanza, jithallsu kwart ($^1/_4$) mill-attur, u tlett-kwarti ($^3/_4$) mill-konvenuti kollha flimkien in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------